MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1163/2005

**Patrick Muscat (ID NRU. 164773 (M) ) u Giulana Muscat Spiteri (ID NRU. 372374 (M) )**

**Vs**

**Ramon Cilia**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tlett mija w erbatax-il lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm314.58c) rapprezentanti danni minnhom subiti b'kollizjoni li sehhet fis-16 ta' Frar, 2005 Fi Triq l-Imdina, Haz Zebbug bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAA 695 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LUC 155 misjuqa minn Patrick Muscat u proprjeta' ta' l-atturi.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi stante li l-incident *de quo* sehh minghajr ebda htija da parti tal-konvenut izda sehh unikament b'negligenza, traskuragni u imperizja jew nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parti ta' l-attur Patrick Muscat kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Warden 353 Anthony Vella, Patrick Muscat, Ramon Cilia u ta' Charles Cilia.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Neville Camilleri ghall-atturi u ta' Dr Ramona Frendo ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi l-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet f'Imdina Road, Zebbug proprju fejn hemm l-istabbiliment ta' Ronnie Auto Dealer. Dak iz-zmien li sehh l-incident kienu qed isiru xoghlijiet estensivi f'Imdina Road, Zebbug tant illi karreggjata wahda cjoe' dik niezla minn Haz Zebbug lejn Hal Qormi kienet maghluqa u l-karreggjata l-ohra li normalment isservi biex tiehu t-traffiku minn Hal Qormi lejn Haz Zebbug kienet qed tintuza *two way*. Inoltre, fin-naha tan-nofsinhar ta' l-istess Imdina Road hemm *service road*.

Patrick Muscat kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LUC 155 niezel mid-direzzjoni ta' Haz Zebbug bl-intenzjoni biex imbaghad jaqbad it-triq ta' quddiem Ronnie Auto Dealer. Kien hemm hafna traffiku ghaddej u l-ewwel hares lejn il-lemin u meta hass li seta' jaqsam it-triq biex jidhol fejn ried jidhol, baqa' jhares lejn ix-xellug izda f'daqqa wahda cjoe' metru u nofs 'il boghod minnu sab il-vettura misjuqa mill-konvenut u b'hekk sehhet il-kollizjoni. Iz-zewg karozzi habtu *front right* (l-attur) u *front left* (il-konvenut).

Il-konvenut xehed illi qabel l-incident huwa kien niezel mill-istess triq minfejn kien saq l-istess attur, dahal fis-

*service road* in kwistjoni, waqaf biex jaghmel qadja u mbaghad kien bl-intenzjoni li jsuq 'il barra biex jerga' jaqbad Imdina Road biex jibqa' niezel 'l isfel. Huwa jghid li fil-hin ta' l-incident huwa kien wieqaf u li l-vettura misjuqa mill-attur baqghet diehla go fih. Jghid ukoll li l-attur kien qed ihares lejn ix-xellug u ma kienx qed ihares 'il quddiem.

Missier il-konvenut pero' ma xehedx l-istess kif xehed il-konvenut. Huwa kien riekeb m'ibnu izda qal, kif anki allega l-istess konvenut, li dakinhar ta' l-incident huma kienu nizlu kontra s-sinjali tat-traffiku fis-*service road*, waqfu bejn wiehed u iehor f'nofsha, ghamlu qadja ghand xi stabbiliment ta' *panel beater* jew *sprayer* imbaghad baqghu niezlin fis-*service road.* Meta din spiccat u waslu fis-*side road* in kwistjoni, sehhet il-kollizjoni. Huwa jghid pero' mbaghad illi fil-mument tal-habta kienu wieqfin.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa l-i*sketches* esebiti w anki r-ritratti u jidher car illi mill-pozizzjoni ta' kif qieghda l-vettura tal-konvenut, ma jistax ikun li huwa kien intenzjonat biex johrog 'il barra fuq Imdina Road u jerga' jkompli jsuq fil-*main road* izda jidher car li hu kien bl-intenzjoni li jibqa' miexi 'l isfel fis-*service road* kontra s-sinjali tat-traffiku. Ghalkemm dan jitfa' dubju fuq il-kredibbilta' tal-konvenut, xorta jibqa' l-fatt li wiehed ghandu jezamina x'kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni.

It-Tribunal ihoss illi fil-kaz odjern, huma z-zewg sewwieqa li ghandhom jigu ritenuti ugwalment responsabbli. Fir-rigward tas-sewqan ta' l-attur, huwa kien diehel minn *main road* ghal gewwa *side road* u kellu jaccerta li fil-hin li qed jaghmel tali manuvra, li jista' jaghmilha liberament u joqghod attent ghal dak li huwa *in plain view* quddiemu. Huwa evidenti mill-fatt li huwa lemah il-vettura misjuqa mill-konvenut metru u nofs biss 'il boghod minnu, li dak il-hin ma kienx qed izomm *a proper lookout*.

Illi ghar-rigward tas-sewqan tal-konvenut, it-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ikkontribwixxa ugwalment ghall-kollizjoni stante li huwa kien niezel kontra s-sinjali tat-traffiku mis-*service road* u ghalkemm fil-post fejn

attwalment sehh l-incident huwa seta' liberament isuq bil-mod kif kien qed isuq, ghat-traffiku li kien diehel go din is-*side road* mill-*main road*, ma kienx mistenni li johrog traffiku proprju minfejn hareg il-konvenut.

Illi inoltre, t-Tribunal mhux konvint li fil-hin li sehh l-incident il-konvenut kien verament wieqaf. Min-natura ta' l-impatt li tidher ta' entita' zghira hafna, jidher car li z-zewg sewwieqa ma kienux qieghdin b'xi *speed* anzi, jidher li kienu miexjin bil-mod hafna izda dan ma jbiddilx il-fatt illi kieku l-konvenut verament kien wieqaf u lemah lill-attur jaghmel il-manuvra li huwa spjega, kien obbligat li jipprova jattiralu l-attenzjoni billi anki jdoqq il-*horn.*

Ghar-rigward tal-*quantum* ma jidhirx li hemm kontestazzjoni u ghalhekk it-talba ta' l-atturi se tigi milqugha parzjalment.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara lill-atturi u lill-konvenut ugwalment responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u disgha u ghoxrin centezmu (Lm157.29c) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu kwantu ghal nofs ghall-atturi u nofs ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------